# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Gimgha 16 ta' Marzu 2001**

**Avviz. numru 1404/97**

**Numru 27**

**Anthony Falzon**

**vs**

**Keith Darmanin**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess attur is-somma ta' erba' mija disgha u erbghin lira hamsa u erbghin centezmu (Lm449.45,0) bhala danni li l-konvenut ikkaguna lill-attur in segwitu ghal incident awtomobilistiku li gara Hal-Qormi fit-3 ta' Jannar 1996 meta waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura Nru U-4837 habat mal-bus Nru Y-0438, propjeta' tal-attur u misjuqa minn Nazzareno Galea, prevja dijkarazzjoni li ghal dan l-incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tad-9 ta' Ottubru 1997, dawk tal-ittra ufficjali tal-20 ta' Marzu 1997 u dawk tal-ittra ufficjali presentata mal-avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri, u bl-imghax legali mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali tal-20 ta' Marzu 1997, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa (fol 6 tal-atti):

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li r-responsabilta' ghall-incident "de quo" hija unikament tas-sewwieq tal-bus numru U-0438, propjeta' tal-assikurat tas-socjeta' attrici u l-konvenut m'hux bl-ebda mod responsabbli ghall-istess incident.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-incident in esami, li gara f'Triq l-Imdina, Hal Qormi vicin hafna ta' fabrika f'dawk l-inhawi, kien jinvolvi xarabank numru Y0438 propjreta tal-attur izda misjuq minn Nazzareno Cilia u "van" bin-numru U-4837 misjuqa mill-konvenut kif ukoll vetturi ohra li kienu parkeggati fuq in-naha tax-xellug tat-triq.

Illi fejn gara l-incident, (ara fol 13 u 16 tal-atti) "jghaddu zewg vetturi fuq kull naha pero' ma hemmx indikat fl-art il-"lanes" (PS 509 John Lentini).

Ikkunsidrat

Illi s-sewwieq tax-xarabank, Nazzareno Cilia (fol 27 et seq ibid) xehed li kien ghadu kemm hareg minn triq laterjali ghal go triq principali ossija Triq l-Imdina u kif kien wasal vicin fabrika hemmhekk hu sema "id-daqqa fuq l-istaffa". Minhabba hekk, hu waqaf u nizel mix-xarabank meta ra li kien hemm vettura mahbuta ma ohra parkeggata. Skond hu "L-ewwel imbotta lil dan il-van anke fuq il-bankina, u imbaghad, baqa' diehel fuq l-istaffa tieghi, tax-xarabank". L-istess xhud issottometta li, in rigward il-vettura misjuqa mill-konvenut, din kellha hsarat fuq zewg nahat "u dan minhabba li kienet gia habtet mal-"van" li semmejt" u sussegwentement laqtet il"bus" misjuqa minnu waqt li eskluda li f'xi hin din il-vettura kienet quddiemu.

Illi l-konvenut (fol 37 et seq ibid) spjega li l-istess xarabank kien qed jinsaq "fuq fis-side ta' barra". Hu kompla, jixhed "Konna nezlin flimkien ("Parallel ma' xulxin"). Tal-linja ried jieqaf fuq l-"stage" (madwar 40 metru il-baghod) li hemm vicin il-fabrika ...... Certu hin beda miexi mieghi, resaq lejja u laqatni. Tefghani fuq il-karozzi pparkeggati fuq ix-xellug tieghu". Il-konvenut accenna li hu ra, fuq ix-xarabank, persuna li hu jaf bhala li tahdem fl-istess fabrika u b'hekk kien ikkonkuda li l-istess xarabank kienet ser tieqaf fuq il-"bus stop" imsemmi. Hu ulterjorment eskluda li x-xarabank kienet quddiem u hu ghamel tentattiv sabiex jissorpossaha fuq ix-xelluq ("minn gewwa"). Anzi asserixxa "Meta rajtha l-ewwel darba, il-"bus" kienet gja ma genbi".

Illi l-konvenut kellu, bhala passiggier Maximilian Marks (fol 40 et seq ibid). Dan xehed li l-konvenut kien qed jsuq bil-mod fuq in-naha ta' gewwa tat-triq sabiex jidhol fl-istess fabrika meta ".... smajt hoss gej minn naha tad-driver". Wara dan il-hoss deskritt bhala wiehed kawzat minn daqqa, il-vettura misjuqa mill-konvenut habtet ma karozza parkeggata fuq ix-xellug stante li l-vettura li kien fuqha ma baqghetx stabbli.

Illi gie prodott xhud li kien fuq l-istess xarabank ossija Romina Bongailas (Fol 46 u 47 ibid) liema xhud, impjegata ukoll fil-fabrika imsemmija qalet "... cempilt fuq il-bus biex nkun nista' ninzel fuq il-"bus stop (tal-istess fabrika) li jinsab ftit metri l-boghod mill-bieb tal-fabrika ....".

Ikkunsidrat

Illi ghandu jinghad minnufih li, a basi tal-provi prodotti mill-attur, ma irrizultax pruvat dak li qed jallega l-istess attur fl-avviz in esami fis-sens ma irrizultax li dan l-incident kien gie kagunat minn sewqan negligenti da parti tal-konvenut. Difatti ma jidhirx li l-konvenut kien qed jissorpassa x-xarabank, misjuq minn Nazzareno Cilia, fuq ix-xellug ta' dan. Pero', mill-istess provi jidher probabbli li x-xarabank misjuq fuq in-naha ta' barra tat-triq kien qed jinsaq lejn ix-xellug sabiex jieqaf fil-"bus stop" imsemmi, manuvra li tirrikjedi grad ta' prudenza fis-sewqan sabiex tigi evitata habta ma vettura li tkun fuq in-naha ta' gewwa ossija tax-xellug tat-triq. Jinghad in rigward dan li hu "per se" imprudenti li xarabank tinsaq fuq in-naha ta' barra ta' triq b'mod specjali meta ser tinsaq lejn ix-xellug sabiex tieqaf fuq "bus stop".

Ikkunsidrat

Illi fic-cirkostanzi kif hemm fuq esposti, tara li dak allegat mill-attur ma giex pruvat fil-grad ta' probabilta rikjest mill-ligi civili.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra l-istess attur.

Alan Calleja
Dep.Reg